MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1797/2003

**Henry Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta’ The Mosta Technopark Tenants Association**

**vs**

**DI Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta’ tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm851.00), rapprezentanti service charge ta’ area F10 fil-Mosta Technopark ghall-perjodu mill-1 ta’ Lulju, 2003 sal-31 ta’ Dicembru, 2003;
Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta’ Lulju, 2003 kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Henry Borg, l-attur li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm851.00) bl-imghax legali mill-1 ta' Lulju 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------